**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can), Ph. D.**

**Appell Nru: 230 / 2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Montano Parada Estiven Yadir**

Illum 12 ta' Lulju, 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Montano Parada Estiven Yadir, iben Al Baro Montana u Dora Parada, imwieled gewwa il-Bogota, Kolombja, nhar id-dsatax (19) ta' Lulju tas-sena 1984, detentur tal-Passaport bin numru AY179813 u minghajr residenza fissa, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Nhar id-19 t' April 2022 ghall-habta tas-sebgha u nofs ta' filghaxija (19:30hrs), kif ukoll fi granet u/jew hinijiet ta' qabel, gewwa l-Istabbiliment Hebe, Baystreet Shopping Complex Level 1, San Giljan u/jew f' dawn il-Gzejjer:

1. Ikkommetta serq ta' diversi affarijiet ekwivalenti ghal madwar €471.20 ghad-detriment ta' Sonja Milan rapprezentanta tal-Hanut Hebe, liema serq huwa aggravat bil-valur liema valur ma jaccedix l-

elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u ghoxrin centezmu(€2329.27);
Art. 261(c), 279(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

2. Ghex hajja ta` ghazz u vagabundagg. Art. 338(w) Kap. 9

Il-Qorti giet mitluba li f' kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' nhar it-30 t' April, 2022, fejn il-Qorti rat l-artikoli 261 (c), 267, 279 (b), 338 (w) u 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

Sabet illi l-imputat Montano Parada Estiven Yadir hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghall-piena ta' sitt xhur (6) prigunerija effettivi.

Ordnat illi l-Avukat Generali jinghata access ghal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' access ghal kopja skenjata tas-sentenza fi zmien sitt ijiem tax-xoghol skond il-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellanti Montano Parada Estiven Yadia minnu pprezentat fis-17 ta' Mejju, 2022, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha:

i) Tibdel is-sentenza moghtija fit-30 ta' April 2022 mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet premessi billi filwaqt li tikkonferma is-sejbien tal-htija tipprovdi ghall-piena iktar mita u idonja fic-cirkostanzi, u

ii) Tordna il-waqfien tal-ezekuzzjoni tas-sentenza u tordna il-helsien tal-Appellant a tenur tal-Artikolu 416 (3) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-esponent jhossu aggravat minn dina s-sentenza u minnha jixtieq jinterponi dan l-umili appell.

Rat illi l-aggravji ta' l-esponenti huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi l-esponenti jissottometti bir-rispett illi ir-reat li ghalih l-imputat instab hati mhuwiex wiehed li jimmerita prigunerija effettiva. L-esponenti jirrottometti bir-rispett illi kien ikun iktar idonju, tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz u ta' gurisprudenza f' kazijiet simili, kieku l-ewwel Onorabbli Qorti applikat l-Artikolu 28A tal-Kap 9 u ssospendiet is-sentenza ta' prigunerija. L-esponenti jisttottometti bir-rispett ukoll illi l-ewwel Onorabbli Qorti zbaljat meta ibbazat ruha fuq ir-ragunijiet imsemmija mill-prosekuzzjoni biex tordna tali piena.

Dan ghaliex fl-ewwel lok, minkejja li il-prosekuzzjoni iddeskriviet l-imputazzjoni bhala *"reat serju"*, l-esponenti jissottometti bir-rispett illi meta wiehed jikkonsidra il-fatti kollha tal-kaz u in-natura tal-oggetti li effettivament gew misruqa, wiehed ma jistax oggettivament u ragjonevolment iqis ir-reat de quo bhala "reat serju".

Huwa minnu li r-*res furtiva* (nuccalijiet tax-xemx tad-ditta) igibu prezz relattivament gholi fis-suq ta' nuccalijiet tax-xemx, pero' ma jistax jigi skartat il-

fatt li z-zewg nuccalijiet misruqa huma zewg nuccalijiet tal-plastic komuni, manifatturati bi produzzjoni tal-massa, li bhala valur intrinsiku huwa mill-aktar minimu. Ma jistax jigi skartat lanqas il-fatt li d-distakk wiesa' li hemm bejn il-valur intrinsiku ta dawn in-nuccalijiet u il-prezz li jgibu meta jinbieghu lill-konsumatur ahhari, huwa wiehed kbir izda huwa esklussivament rizultat tal-propjeta intellettwali tad-ditta taghhom partikolari, haga li l-appellant qatt ma seraq jew b' xi mod approprja ruhu minnu.

Min-naha l-ohra, meta kkommetta din is-serqa l-imputat kien jinstab f' qaghda finanzjarja iddisprata liema qaghda ma kenitx tort tieghu. Ghaldaqstant, filwaqt li dan it-tip ta' reat huwa wiehed kundannabbli, bl-ebda mod ma jista jigi ragjonevolment deskritt bhala "reat serju".

Tant mhuwiex "reat serju" li il-persuna allegatament danneggjata minn dan is-serq, certu Sonja Milan, ma ppartecipat bl-ebda mod fil-proceduri kriminali quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti.

Illi fit-tieni lok, minkejja li il-prosekuzzjoni qalet li jidher li dan kien reat kien wiehed ippjanat u bl-involviment ta' terzi, dan bl-ebda mod ma gie ppruvat sal-grad li tirrikjedi il-ligi kriminali. Ghaldaqstant, l-esponenti jaghmel riferenza ghall-principju *actore non probante, reus absolvitur* u *in dubio pro reo,* u jissottometti bir-rispett illi l-ewwel Onorabbli Qorti ma kellha qatt tiehu in konsiderazzjoni ta' dan, meta kkunsidrat il-piena.

Illi fit-tielet lok, minkejja li l akkuzat ammetta ghall-imputazzjoni li ghex hajja ta' ghazz u vagabuntagg, a tenur tal-Artikolu 7(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-kontravvenzjoni ma tista qatt twassal ghal piena ta' prigunerija.

Fir-raba lok, analizi bir-reqqa ta' sentenzi moghtija ricentement mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghal reati komparabbli (serq aggravat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€2329.27) jaghtu ezempju car ta' pieni iktar ragjoenvoli li l-ewwel Onorabbli Qorti kellha tikkunsidra.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs. Karam Ben Arus** tal-21 ta' Frar 2022, il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma tatx piena ta' prigunerija effettiva, izda ordnat is-sospensjoni taghha u dana minkejja li l-imputat kien recidiv.

Fis-sentenza fl-ismijie**t Pulizija vs Kevin Tonna** tat-8 ta' Frar 2022, il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma tatx piena ta' prigunerija effettiva izda ordnat is-sospensjoni a tenur tal-Aritkolu 28A tal-Kap 9, u dana minkejja li il-valur tas-serqa kien circa l-elf ewro €1000, kien aggravat bil-persuna u minkejja wkoll li l-imputat kien recidiv.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizja vs Emad Khalifa Beleed Zweitt** tal-4 ta' Novembru 2021, il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, l-istess ma tatx piena ta' prigunerija effettiva izda ordnat is-sospensjoni taghha u dana minkejja li l-imputat kien recidiv.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizja vs Gloria Ann (Glorianne) Cutajar** tat-28 t' Awwissu 2021, il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma tatx piena ta' prigunerija effettiva, izda applikat l-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana minkejja li l-valur kien jaqbez is-sitt elef ewro €6000, instabet hatja wkoll li xjentement laqghet ghandha hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq jew akkwistati b' reat u li kienet recidiva,

**Ikkunsidrat,**

Illi din il-Qorti setghet tinnotta illi l-appellant gie akkuzat bl-Artikolu 279(a) tal-Kodici Kriminali fl-ewwel akkuza u dan ghaliex gie akkuzat b'serq aggravat bil-valur izda **<u>li ma jeccedix</u>** l-elfejn, tlett mija u digha u ghoxrin euro u sebgha u ghoxrin centezmu (€2329.27). Madankollu, fid-decide tas-sentenza tal-Ewwel Qorti gie citat l-Artikolu 279(b) tal-Kodici Kriminali li jaqra li s-serq bil-valur ikun acceda l-elfejn, tlett mija u digha u ghoxrin euro u sebgha u ghoxrin centezmu (€2329.27). Ghaldaqstant, stante li l-appellant seraq xi affarijiet li jammontaw ghall-madwar erbgha mija, wiehed u sebghin euro u ghoxrin centezmu (€471.20), l-Artikolu korrett li kellu jigi citat kien dak ta' 279(a) tal-Kodici Kriminali u mhux 279(b) tal-Kodici Kriminali.

Illi l-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

> *' Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun ġie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi ohra li tkun tikkontempla r-reat.' (Emfażi miżjuda)*

Illi ghalhekk skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l- piena w ssemmi l-artikolu tal- Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.

Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali. F' kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti

li thassar is-sentenza appellata. (ara f' dan is-sens l-Appelli Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Paul Cachia**[1]" ; "**Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**[2]"; "**Il-Pulizija vs Benjamin Muscat**[3]"; "**Il-Pulizija vs. Donald Cilia**[4]", "**Il-Pulizija vs. Mark Portanier**[5]"; "**Il-Pulizija vs. John Axiaq et**[6] "u ohrajn).

**Illi gie ritenut ukoll li l-Qorti tista dejjem tirrileva tali nuqqas "ex officio" ( kif ghamlet din l-istess Qorti ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan.** (ara. App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Anthony Zahra**[7] "; "**Il-Pulizija vs. Vincent Cucciardi**[8] " u ohrajn).

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija (Spt. Kevin Farrugia) vs Jesmond Spiteri**[9]" annullat is-sentenza tal-Ewwel Qorti wara li kkunsidrat li:

> 'mill-ezami tas-sentenza appellata illi l- Ewwel Qorti ccitat l-Artikolu 130 tal-Kap. 10 tal- Ligijiet ta' Malta bhala l-Artikolu li suppost tahtu nstabet il-htija w dan l-Artikolu effettivament gie mhassar bl-Att XXVII tal-2001 u ghalhekk gie citat Artikolu li m' ghadux vigenti fil-Ligi w li lanqas kien vigenti meta giet kommessa l-allegata kontravvenzjoni f' Awissu 2007 u fix-xhur ta' qabel.'

---

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Settembru 2003.
[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Settmbru 2002.
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminal nhar it-28 ta' Gunju 2002 u l-10 ta' Lulju 2002.
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l- 24 ta' April 2002.
[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta' Mejju 2005.
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-2 ta' Frar 2006.
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta' Jannar 2005.
[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta' Jannar 2005.
[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Marzu 2008.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija (Spettur AP Miruzzi) vs Stefan Abela**[10]" gie kkunsidrat li:

> *' osservat mill-ezami tas-sentenza appellata li l-Ewwel Qorti , minkejja lil-appellant kien qed jigi akkuzat u instab hati ta' diversi reati li jaqghu taht ligijiet diversi w senjatament il-Kap. 66 tal- Ligijiet ta' Malta kif ukoll taht ir-Regolamenti li jaqghu taht l- Avviz Legali 146/1993, meta giet biex ticcita l-artikoli tal-ligi li jkunu jikkontemplaw r-reati li taghhom l- appellant kien instab hati, ndikat biss b' mod generiku dan l-Avviz Legali u f' kaz wiehed biss indikat regolament (mhux artikolu kif intqal erronjament fissentenza) partikolari tal-istess regolamenti kontenuti fl-imsemmi Avviz Legali.'*

Illi inoltre fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Kevin Borg) vs Edward Chatlani**[11]' gie kkunsidrat li:

> *'Hawn pero' din il-Qorti tirrileva li b' lapsus evidenti, l- Ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, meta kienet qed telenka l-artikoli li tahthom sabet htija, ghamlet riferenza ghall-artikolu 288 (B), li ma jezistix fil-Kodici Kriminali, minnflok ghall-artikolu 298B li kien gie indikat lilha fic- citazzjoni mill-Prosekuzzjoni.*
>
> *Dan l-izball jirrendi s-sentenza nulla ghall-inqas f' din il-parti taghha ghaliex, kif dejjem gie ritenut skond l- artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal- Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici*

[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-2 ta' Frar, 2006.
[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 t' Awwissu, 2006.

*Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r- reat; (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Daniel Lanzon u ohrajn**[12]) (Emfazi mizjuda u data tas-sentenza kif citata tinstab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)'*

Illi l-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Kevin Borg) vs Edward Chatlani'** ikkunsidrat ukoll:

*'Illi gie ukoll ritenut li l-indikazzjoni tal-artikolu hazin jew addirittura l-indikazzjoni tal-ligi skorretta hu ekwiparat ma n-nuqqas ta' citazzjoni tal-artikolu tal- ligi li tahtu tkun instabet htija. (ara "**Il-Pulizija vs. Mario Agius u ohrajn**) (Emfazi mizjuda u data tas-sentenza citata tinstab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)*

Illi l-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spt. J. Mifsud) (Spt. A. Portelli) vs Christopher Scerri**[13]' ikkunsidrat:

*'Illi jikkoncedi x' jikkoncedi l-appellant dwar l-izball li ttiehed mill-Ewwel Qorti meta giet biex ticcita l-artikolu tal-ligi li tahtu kienet qed issib htija, huwa fatt li l-Ewwel Qorti erronjament iccitat artikolu ta' Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta hazin ghax minnflok iccitat il-Kapitolu 9, cioe' l-Kodici Kriminali, ccitat il-Kapitolu 12 u cioe' l-Kodici tal- Organizzazzjoni w Procedura Civili.*

[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 t' Ottubru, 2005.
[13] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Novembru, 2007 (Appell Kriminali numru: 322/2007).

Illi f'dan il-kaz, kif diga gie ritenut *supra*, L-Ewwel Qorti, fid-decide, minflok iccitat l-Artikolu 279(a) tal-Kodici Kriminali iccitat l-Artikolu 279(b) tal-Kodici Kriminali.

Illi pero' dan ma jwassalx ghall-annullament tal-procedura kollha li saret quddiem l-Ewwel Qorti izda n-nullita' hija limitata biss ghas-sentenza u kull parti ohra precedenti tal-proceduri kontra l-appellant tibqa' bla mittiefsa w ghalhekk kull ma jrid isir hu li l-Ewwel Qorti terga tippronunzja s-sentenza billi ssegwi l-vot tal-artikolu 382 u xejn aktar u konsegwentement l-appellant irid jitpogga mil-gdid fil-pozizzjoni li kien immedjetament qabel ma giet ippronunzjata s-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qeghda tannulla s-sentenza tal-Ewwel Qorti w, biex ma tipprivax lill-partijiet mil-beneficcju tad-*"doppio esame"*, qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex l-appellant jerga' jitpogga fil-pozizzjoni li kien immedjetament qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata w biex terga' tinghata sentenza mill-gdid skond il-ligi.

Consuelo Scerri Herrera
Imhallef

Nadia Ciappara
Deputat Registratur